MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 210/2007

**Josef ZAMMIT**

**vs**

**FLOCK HATCHERS CO. LTD.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors maħluf imressaq fis-26 ta’ Frar, 2007, bil-proċedura sommarja speċjali li bih ir-rikorrent talab li din il-Qorti, għar-raġunijiet hemm imfissra, taqta’ l-kawża mingħajr smigħ u tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallsu s-somma ta’ ħamest elef tmien mija u tlieta u tletin liri Maltin u ħamsa u tletin ċenteżmi (Lm5,833.35), rappreżentanti l-bilanċ ta’ prezz ta’ merkanzija lilha mibjugħa u konsenjati;

Rat illi r-rikors ġiet debitament notifikata soċjeta’ intimata bil-proċedura msemmija fl-artikolu 187(5) tal-Kap.12 tal-

Liġijiet ta' Malta, li naqset li tidher għas-smigħ u hekk baqgħet kontumaċi;

Semgħet ix-xhieda tar-rikorrent;

Semgħet l-Avukat tar-rikorrent;

Eżaminat l-atti tar-rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fir-rikors tirriżulta pruvata.

Fil-kontumaċja tas-soċjeta' intimata tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent kif dedotti fir-Rikors illi:

**Tilqa' l-ewwel u t-tieni talbiet attriċi** u taqta' l-kawża mingħajr smigħ;

**Tilqa' t-tielet talba** u **tikkundanna** lill-kumpannija mħarrka biex tħallas lill-attur is-somma ta' ħamest elef tmien mija u tlieta u tletin liri Maltin u ħamsa u tletin ċenteżmu (Lm5,833.35), rappreżentanti l-bilanċ ta' prezz ta' merkanzija lilha mibjugħa u konsenjat, bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' intimata, u bl-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma li għandhom jibdew jgħaddu b'effett mis-26 ta' Frar, 2007, sal-jum tal-ħlas effettiv.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------